**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 7/2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Gordon Micallef**
**(ID 29596(G))**

**Illum, 19 ta' Settembru 2016**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Gordon Micallef ta' 19-il sena, iben Paul u Dayana nee` Muscat, imwieled Rabat Ghawdex, nhar l-20 ta' Gunju 1996, residenti gewwa Block A, Flat 7, Tac-Cawla, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 29596(G);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-24 ta' Dicembru 2015 u matul il-jiem ta' qabel din id-data:

1) Traffika, biegh, qassam jew offra li jitraffika, jbiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-

miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

2) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) Talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni operattiv ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. J. Demicoli LL.D. nhar il-15 ta' Dicembru 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

5) Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31) u l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rega' kkonfermaha wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet, b'dan illi fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, minkejja l-ammissjoni tieghu, il-Qorti m'hijiex qed issib htija fl-imputat u dan ghar-ragunijiet segwenti:

Permezz tat-tielet imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat bil-pussess semplici tad-droga kokaina. Mill-provi prodotti jirrizulta illi fil-jum in kwistjoni, l-imputat instab fil-pussess ta' borza b'ammont ta' pilloli u tliet pakketti b'sustanza bajda.[1] Fir-rigward ta' dawn il-pakketti, fl-istqarrija rilaxxjata minnu[2], l-imputat jikkonferma illi huwa kien qal lill-pulizija li ghamlulu *strip search*, illi huwa kellu tliet pakketti kokaina u li eventwalment minn jeddu, huwa tahom lill-istess pulizija. Jghid li huwa ma juzax kokaina, jinnega li dawn il-pakketti kien ser ibieghhom u jghid illi "*nahseb kont ha nehodhom l-ewwel darba*"[3]. Madankollu mir-relazzjoni esebita mill-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut[4], jirrizulta fir-rigward tat-tliet boroz tal-plastik li kien fihom trab ta' lewn abjad, illi fuq estratt mehud minn dan it-trab, ma nstabitx droga. Ghaldaqstant, minkejja l-ammissjoni tieghu, il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni.

---

[1] Ara x-xhieda ta' PS 579 Antoine Micallef (a fol. 46 *et seq* tal-process), ix-xhieda ta' PC 1183 Oliver Borg (a fol. 48 *et seq* tal-process) u x-xhieda ta' PS 1163 Frans Schembri (a fol. 54 *et seq* tal-process).
[2] Ara l-istqarrija tal-imputat esebita a fol. 42 *et seq* tal-process.
[3] A fol. 43 tal-process.
[4] A fol. 63 *et seq* tal-process.

In oltre fir-rigward tar-raba’ imputazzjoni, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni baqghet ma esebietx is-sentenza mertu tal-istess imputazzjoni ossia s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, kif preseduta mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli, fil-15 ta’ Dicembru 2015. Ghaldaqstant, fil-waqt illi fuq ammissjoni, il-Qorti ser issib htija fl-imputat anke fir-rigward ta’ din l-imputazzjoni, biss m’hijiex ser titratta mieghu dwar ir-reat mertu ta’ din is-sentenza. Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti tirrileva illi permezz ta’ sentenza ohra moghtija llum stess minn din il-Qorti, kif preseduta, fil-konfront tal-istess imputat (Kawza Nru. 150/2016), il-Qorti diga` trattat mal-imputat dwar ir-reat mertu tal-istess sentenza.

Ghal fini ta’ piena dwar l-ewwel, it-tieni u l-hames imputazzjonijiet, il-Qorti kkunsidrat fl-ewwel lok, illi ghalkemm l-ammissjoni tal-imputat f’dawn il-proceduri ma kinitx wahda bikrija, tant illi l-imputat irregistra din l-ammissjoni fl-istadju tal-provi tad-difiza, meta ghalhekk il-Prosekuzzjoni diga` kienet ghalqet il-provi taghha, biss jirrizulta wkoll illi huwa kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha.

Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat li, fiz-zmien tar-reati odjerni, kienet tikkonsisti f’sejbien ta’ htija dwar serq semplici. Hadet in kunsiderazzjoni wkoll dak sottomess mid-difiza fir-rigward tal-eta` tenera tal-imputat u li l-istess imputat ma nghatax direzzjoni f’hajjtu mill-genituri tieghu.

Qieset ukoll mill-banda l-ohra, is-serjeta` tal-imputazzjonijiet odjerni u b’mod partikolari illi f’dan il-kaz, l-imputat instab fil-pussess ta’ ben 87 pillola *ecstasy*[5] – ammont dan li l-Qorti tqis bhala wiehed sinjifikanti – gewwa stabbiliment f’Paceville. Qieset ukoll illi r-reati odjerni gew kommessi mill-imputat waqt il-perjodu operattiv ta’ sentenza li biha l-istess imputat inghata liberazzjoni kundizzjonata u ftit tal-jiem biss wara li nghatat l-istess sentenza.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 fir-rigward tar-reati ikkontemplati fl-ewwel u fit-tieni imputazzjonijiet u applikat ukoll l-aggravanti tad-distanza, mertu tal-hames imputazzjoni, ai termini tat-tieni proviso tal-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Konkluzjoni**

[5] Skond ir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut (a fol. 65 *et seq* tal-process), fuq estratti mehuda mill-pilloli ta’ lewn hodor, li huwa nghata ghall-analizi, instabet is-sustanza *3,4-methylenedioxymethamphetamine (MDMA)* li, fix-xhieda tieghu (a fol. 61 *et seq*), huwa spjega li hija l-*ecstasy*.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u t-tieni proviso ghall-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, l-Artikoli 17(h) u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u qed tilliberah minnha, fil-waqt illi fuq ammissjoni, qed issibu hati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet u qed tikkundannah ghall-piena ta' **sittax-il (16) xahar prigunerija effettiva** u **multa ta' elfejn u tliet mitt Euro (€2,300)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati fi zmien tliet (3) snin mil-lum. B'dan illi kemm il-darba huwa jonqos milli jhallas din is-somma fiz-zmien lilu preskritt, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit f'terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, ghar-ragunijiet fuq indikati, il-Qorti m'hijiex qed titratta mal-imputat dwar ir-reat mertu tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif diversament preseduta mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli, nhar il-15 ta' Dicembru 2015.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez tal-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta dwar dan il-kaz, ossia l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti ghas-somma ta' mija, tlieta u hamsin Euro u erbghin centezmu (€153.40) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officer* PC 1331 Darren Debattista, ammontanti ghas-somma ta' disgha u hamsin Euro u disgha u erbghin centezmu (€59.49), b'kollox ammontanti tali spejjez ghas-somma ta' mitejn u tnax-il Euro u disgha u tmenin centezmu (€212.89).

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u s-sustanza esebita fl-atti, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat